**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' April 2016**

Numru 1

**Rikors Nru. 37/2015**

**Lawrence Grech, Joseph Magro, Leonard Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon, u Philip Cauchi u Joseph Mangion**
**vs**

**L-Avukat Generali u**
**b'digriet tat-30 ta' Gunju 2015**
**gew kjamati fil-kawza s-Socjeta Missjunarja ta' San Pawl, Arcidjocesi ta' Malta,**
**Godwin Scerri u Charles Pulis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tar-rikorrenti tas-7 ta' Mejju 2015 li jghid hekk:

Illi dan ir-rikors qed isir wara direzzjoni tal-Prim Awla, Qorti Civili fil-kawza 489/2013 fl-ismijiet Lawrence Grech et v. Carmelo Pulis et wara li saret talba mir-rikorrenti sabiex tikkonverti ruhha f'Sede Kostituzzjonali ai termini tal-artikolu 4 tal-Kap. 319 u tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi r-rikorrenti ntavolaw proceduri quddiem il-Prim Awla, Qorti Civili fil-kawza 489/2013 fl-ismijiet Lawrence Grech et v. Carmelo Pulis et ghall-rizarciment ta' danni bhala vittmi ta' krudeltajiet, mohqrija, sevizzi u abbuzi sesswali waqt li kienu fil-kura u kustodja ta' dar tal-knisja tal-Arcidjocesi ta' Malta. Gie premess li din il-mohqrija u abbuz twettqu fl-eta formattiva taghhom b'dan li hallietilhom

effett psikologiku negattiv ghaliex soffrew abbuz minn min kien fdat bil-kura taghhom meta kienu residenti f'din id-dar tal-Knisja;

Illi dawn l-fatti fuq elenkati huma kkonfermati permezz tas-sentenza Kriminali kontra l-intimati fl-ismijiet Il-Pulizija v. Carmelo Pulis et (13 ta' Novembru 2012) mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A) fejn sabet lill-intimati hatja tal-abbuzi sesswali fil-konfront tar-rikorrenti u gew ikkundannata b'sentenza ta' prigunerija;

Illi dan ir-rIkors qed isir ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem artikolu 6 tal-ewwel skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) ghaliex gie lez id-dritt fundamentali ta' smigh xieraq;

Illi l-incident li ta' lok ghal dawn il-proceduri sehh meta r-rikorrenti saru jafu li l-gudikant li kien gie assenjat il-kaz taghhom wara li rtira l-Imhallef li kien qed jisma' l-kaz kien u ghadu President tal-fondazzjoni u membru attiv tal-istazzjoni radjofoniku Radju Marija;

Illi stante li l-kawza kienet fi stadju ta' gbir ta' provi fuq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-Kurja u stante li talba ghal rikuza ta' gudikant ghandha ssir in limine litis permezz ta' eccezzjoni gie prezentat rikors fl-4 ta' Frar 2015 sabiex ir-rikorrenti jinghataw permess iressqu eccezzjoni ta' rikuza (hawn anness u mmarkat bhala Dok. B);

IIli b'sorpriza ghar-rikorrenti l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet tal-10 ta' Marzu 2015 cahdet it-talba ghar-rikuza u ordnat il-prosegwiment tal-kawza (hawn anness u mmarkat bhala Dok. C);

IIli fis-seduta sussegwenti tas-17 ta' Marzu l-avukat sottoskritt gibed l-attenzjoni tal-Qorti li t-talba fir-rikors ma kinitx f'dak l-istadju ghar-rikuza imma sabiex jinghata permess li tingieb eccezzjoni f'dak is-sens u talab ghalhekk li r-rikors jigi degretat skont it-taiba;

IIli permezz ta' digriet fil-verbal tal-udejnza (hawn anness u mmarkat bhala Dok. D) l-Onorabbli Prim Awla ddisponiet mit-talba billi qalet illi fil-Provediment moghti minnha waqt is-smigh tal-10 ta' Marzu 2015 hija kienet qieset imressqa l-eccezzjoni tar-rikuza u li kienet provdiet dwarha;

IIli fis-seduta tal-14 ta' April 2015 (annessa u mmarkata bhala Dok. E) ir-rikorrenti talbu ai termini tal-artikolu 4 tal-Kap. 319, li l-Qorti tinkonverti ruhha f'sede Kostituzzjonali stante li hassew li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom u l-Qorti ddirigiethom jipprezentaw ir-rikors odjern.

Bazi tat-Talba

Illi huwa ben stabbilit, in konnessjoni mad-dritt ghal smigh xieraq, li sabiex gudikant jista' jipprevali u jiddetermina civil rights and obligations irid ikun imparzjali u jrid jissodisfa zewg rekwiziti u cioe li jkun imparzjali b'mod suggettiv u irid ikun imparzjali b'mod oggettiv; jekk wahda minn dawn ir-rekwiziti tkun nieqsa, ghalhekk, il-gudikant mhuwiex meqjus imparzjali u ma

ma ghandux jippresjedi stante li jista' jkun hemm ksur palesi tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq;

Illi huwa principju ben assodat li jekk anki jkun hemm l-icken dubju ta' imparzjalita oggettiva min-naha tal-gudikant li jkun jista' ragonevolment jigi ipperceput mill-osservatur u specjalment minn parti fil-process gudizzjajru, u cioe l-esponenti, dan ghandu jaghti lok sabiex il-gudikant ma jibqax jippresjedi fuq il-kawza in kwistjoni; l-aforizma "justice must not only be done but must be seen to be done" trid dejjem tigi valutata fl-isfond tal-kaz partikolari;

Illi barra minn hekk, huwa principju ormai stabbilit ghalkemm mhux pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin (kif ser jigi mfisser ahjar fil-mori tal-kawza) illi anki jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jkunx hemm lok ta' rikuza - anzi jista' jkun hemm addirittura divjet ta' astensjoni - tista' tinholoq sitwazzjoni li tikkuntrasta mad-drittijiet fundamentali tal-individwu kif garantiti lilu mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi m'hemmx dubju li kemm il-Kostitituzzjoni ta' Malta kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif sancit fl-artikolu 3(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta huma ligijiet supremi u ghalhekk id-disposizzjonijiet li jemanu minnhom jipprevalu fuq kwalunkwe ligijiet domestici ohra inkluzi l-provedimenti li jirregolaw ir-rikuza tal-gudikant ossia l-artikolu 734 fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jekk lok ghal rikuza mhemmx fil-kaz prezenti, fl-isfond tal-principju tas-supremita, li d-disposizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghandhom dejjem jipprevalu u jigu protetti;

Illi, fil-kawza fuq imsemmija, jirrizulta li l-Imhallef Joseph R. Micallef, li qed jippresjedi il-Prim Awla tal-Qorti Civili, f'ghajnejn ir-rikorrenti mhuwiex imparzjali b'mod oggettiv ghaliex huwa kien u ghadu l-President tal-fondazzjoni li tmexxi Radju Marija li:
• Ghandu bhala ghan ewlieni l-evangelizazzjoni tal-messag ta' Marija SS fl-isfond tat-taghlim tal-Knisja Kattolika;
• Jevangelizza fuq il-linji pastorali tal-Papa Frangisku u jsib l-origini tieghu fil Magisterium Eccleslae[1] ossia[2] "By "ecclesiastical Magisterium" is meant the task of teaching that by Christ's institution is proper to the College of Bishops or to individual bishops linked in hierarchical communion with the Supreme Pontiff[3]" u
• Ixandar ahbarijiet esklussivament ta' natura religjuza tal-knisja Kattolika kif jidher mill-website taghha www.radjumarija.org.

Dan ifisser ghar-rikorrenti li hemm biza li kemm fil-mori tal-kawza, kif ukoll fid-decizjoni, il-gudikant mhux ser ikun imparzjali ghaliex ser ikun influwenzat mill-inklinazzjoni li ghandu lejn il-konvenuta l-Kurja Arciveskovili; inklinazzjoni li

[1] By "ecclesiastical Magisterium" is meant the task of teaching that by Christ's institution is proper to the College of Bishops or to individual bishops linked in hierarchical communion with the Supreme Pontiff.
[2] INTERNATIONAL THEOLOGICAL COMMISSION "THE ECCLESIASTICAL MAGISTERIUM AND THEOLOGY
[3] The Magisterium derives its authority from sacramental ordination, which "along with the task of sanctifying confers also the tasks of teaching and ruling". This "formal authority", as it is called, is at once charismatic and juridical, and it founds the right and the duty of the Magisterium insofar as it is a share in the authority of Christ. Care should be taken that personal authority and the authority that derives from the very matter being proposed also be brought to bear when this ministerial authority is being put into effect.

wasslitu sabiex jinhatar President tal-fondazzjoni ta’ Radju Marija u membru attiv fl-attivitajiet bl-ghan li jkun "il-Lehen il-Knisja Kattolika fid-dar tieghek". L-organizazzjoni wara Radju Marija giet deskritta minnha stess bhala:

"Organisation
Radio Maria is a civil, private, not-for-profit organisation formed by priests, religious and lay people. Radio Maria supports itself exclusively through listeners donations.

Mission
Radio Maria is rooted in the 'Magisterium Ecclesiae'. It comforts and enriches the faithful in their Christian life and offers answers to those in their walk of faith.

Contents
The programmes are broadcast 24 hours a day and include the interaction with listeners and religious movements recognised by the Church”.

Illi, il-Qrati Ewropej sostnew li anki apparenzi biss jistghu jwasslu ghan nuqqas ta' imparzjalita tal-gudikant; aktar u aktar fejn fil-kawza msemmija mhemmx biss apparenzi izda biza reali minn persuni li gew abbuzati mill-membri tal-Knisja Kattolika ta' Malta b'sentenza tal-Qorti Kriminali li marret in gudikat;

Illi applikati dawn il-principji fuq elenkati wiehed issib is-segwenti:
• Ir-rikorrenti huma vittmi ta' abbuzi sesswali minn religjuzi tal-Knisja Kattolika meta kienu residenti f'dar tal-Knisja Kattolika tal-Arcdjocesi ta' Malta;
• Illi l-abbuzi kellhom effetti permanenti fuq l-izvilupp psikologiku taghhom fis-sens imma mhux unikament li ma jafdawx dak li huwa assocjat mal-Knisja Kattolika Maltija bhala minhabba dak li ghaddew minnu;
• IIIi l-ghola rapprezentanti tal-Knisja Kattolika nkluz il-Papa Benedettu XVI, Arcisqof Paul Cremona u l-Arcisqof Awziljarju Charles Scicluna rrikonoxxew dawn in-nuqqasijiet u talbu mahfra pubblika;
• Illi nonstante dan ir-rikonoxximent u wara ftit snin biss l-istess istituzzjoni, ossia l-Arcidjocesi ta' Malta, li taghha l-imsemmija persunaggi huma r-rapprezentanti ewlenien, issa qed tghid li ghadda z-zmien ghar-rimedju materjali.
• Illi l-Imhallef sedenti li qed jisma’ l-kaz huwa President u membru attiv tal-Assocjazzjoni Radju Marija ta' Malta u r-rikorrenti ghandhom biza ragonevoli li din il-posizzjoni hija wisq vicina l-posizzjoni tal-intimata l-Arcidjocesi ta' Malta sabiex jkollhom smigh imparzjali .

IIli qed jigi ddikjarat li mhemmx rimedji ordinarji ghar-rikorrenti ghaliex, mhux talli mhemmx lok ta' rikuza abbazi tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda wkoll ghaliex kif spjegat fuq ir-rikorrenti attentaw jipprocedu quddiem il-Prim Awla Qorti Civili fuq imsemmija sabiex jitolbu permess sabiex titressaq eccezzjoni ta' rikuza fuq ragunijiet kostituzzjoni hawn fuq imfissra. Din it-talba, pero, ma gietx rikonoxxuta u minflok l-Imhallef Joseph. R. Micallef iddetermina l-eccezzjoni nnifisha meta r-rikorrenti talbu sabiex jinghata permess sabiex isir din eccezzjoni;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitolbu li, ghar-ragunijiet imsemmija u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li s-srnigh ta' dan ir-rikors jinstema' b'urgenza tenut kont tas-sitwazzjoni prekarja tar-rikorrenti;

• Tiddikjara li hemm jew jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigh xieraq abbazi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) fuq l-imparzjalita tal-gudikant lmhallef Joseph R. Micallef fil-kawza 489/2013 fl-ismijiet Lawrence Grech et v. Carmelo Pulis et;

• Tordna r-rikuza tal-Imhallef Joseph R. Micallef fil-kawza 489/2013 fl-ismijiet Lawrence Grech et v. Carmelo Pulis et;

• Tahtar gudikant iehor li ma jkollux konnessjonijiet diretti mal-konvenuti jew uhud minnhom sabiex jippresjedi fuq il-kawza 489/2013 fl-ismijiet Lawrence Grech et v. Carmelo Pulis et

• In virtu tal-poteri lilha moghtija, taghti dawk l-ordnijiet u r-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni.

Salvi sottomissjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li tghid hekk:

Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija ta' allegazzjoni ta' vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress li “hemm biza kemm fil-mori tal-kawza, kif ukoll fid-decizjoni, il-gudikant mhux ser ikun imparzjali ghaliex ser ikun influwenzat mill-inklinazzjoni li ghandu lejn il-konvenuta l-Kurja Arciveskovili; inklinazzjoni li wasslitu sabiex jinhatar President tal-Fondazzjoni ta' Radju Marija u membru attiv fl-attivitajiet bl-ghan li jkun "il-Lehen il-Knisja Kattolika fid-dar tieghek””.

Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari, sabiex il-process ikun integru ghandhom jigu kjamati fil-kawza l-intimati l-ohra fil-kawza fl-ismijiet "Lawrence Grech et vs Carmelo Pulis et" (Rikors Guramentat numru 489/2013JRM);

2. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jemmen li l-azzjoni tar-rikorrent hija ghal kollox intempestiva. Dan ghaliex kif tajjeb intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Darren Aquilina vs Onorevoli Prim Ministru et deciza fil-31 ta' Mejju 2013, ladarba f’dan il-kaz il-process li minnu qed jilmentaw ir-rikorrenti ghadu mhuwiex mitmum, ir-rikorrenti ma jistghux jallegaw li ser jigu zvantaggjati waqt is-smigh tal-kawza taghhom. Jigi b'hekk, li f'dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikattiv li l-ilment tar-rikorrenti jigi diskuss u trattat in

vacuo u b'hekk din l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha. Illi f'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'gurisprudenza konsistenti, li biex tinsab lezjoni tas-smigh xieraq kif imhares taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fil-kumpless kollu tieghu. Allura l-ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq imqanqal mir-rikorrenti jista' jigi biss ezaminat ladarba l-kawza tigi konkluza;

3. Illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibda biex jissottometti li l-artikolu 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstemgha minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. L-artikolu 6(1) tal-Kap. 319 imur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' intralc ta' smigh xieraq liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gust.

4. Illi r-rikorrenti qeghdin jaccettaw li fil-kaz odjern ma hemm l-ebda lok ghal rikuza skont id-disposizzjonijiet li jirregolaw ir-rikuza ta' gudikant fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) madankollu qed jallegaw li f’ghajnejn l-istess rikorrenti l-gudikant li qed jisma' l-kawza fl-ismijiet "Lawrence Grech et vs Carmelo Pulis et" (Rikors Guramentat numru 489/2013) mhuwiex imparzjali b'mod oggettiv. L-esponenti jirribatti li l-kuncett ta' imparzjalita oggettiva ta' gudikant ma tiddependix fuq l-opinjoni ta' parti fil-kawza: certament tali opinjoni mhijiex deciziva izda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalita tkun gustifikata b'mod oggettiv. Dan ifisser li huwa necessarju li jkun hemm dubju legittimu dwar l-imparzjalita oggettiva ta' gudikant naxxenti minn fatti u dan peress li l-gudikant huwa dejjem prezunt li huwa imparzjali.

Illi dak li fuqu qed jibbazaw il-biza taghhom ir-rikorrenti huwa li l-Imhallef sedenti fil-kawza civili allegatament huwa l-President tal-Fondazzjoni li tmexxi Radju Marija liema Fondazzjoni allegatament ghandha bhala ghan ewlieni li tippromwovi l-evangelizazzjoni tal-messagg ta' Marija Santissima. Illi min imkien ma jirrizulta li l-gudikant sedenti fil-kawza civili ghandu xi funzjoni ezekuttiva fil-fondazzjoni jew li jiddetta xi decizjoni li ghandha tittiehed minn tali Fondazzjoni. Il-fatt li gudikant jipprattika religjon partikolari u jkun intiz f'tali religjon bl-ebda mod ma jista' jigi interpretat li b'xi mod hemm imparzalita oggettiva. Illi bl-istess ragunament, gialadarba li l-kawza civili fl-ismijiet "Lawrence Grech et vs Carmelo Pulis et" (Rikors Guramentat numru 489/2013JRM) qed issir kontra l-Kurja Arciveskovili, allura dan ifisser li kull gudikant li jhaddan ir-religjoni Kattolika ghandu jigi rikuzat? Certament li kieku kien hekk ikun ifisser li l-ebda gudikant ma jkun jista' jisma' kawzi fejn il-Kurja Arciveskovili tkun parti bil-konsegwenza li jkun hemm stagnar fis-sistema gudizzjarja;

5. Illi aktar minn hekk, jekk wiehed jifli l-atti processwali tal-kawza civili jirrizulta li bl-ebda mod l-gudikant kien pregudikat jew biased lejn xi parti fil-kawza civili:

illi fuq taiba ghall-purgazzjoni tal-kontumacja da parti tar-religjuzi, wara li l-Qorti tat opportunita lill-partijiet kollha jsemmu lehinhom iddecidiet permezz tad-digriet tat-23 ta' Ottubru 2014 li tichad tali talba u ordat li l-kawza titkompla, b'rizerva lill-istess religjuzi sabiex iressqu s-sottomissjonijiet permessi bil-ligi. Ghalhekk wiehed isaqsi minn fejn tohrog il-parzjalita tal-gudikant li qed tbezza lir-rikorrenti?;

6. Illi certament li l-ebda dritt garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma huma mittiefsa. Illi dak li rrizulta fl-istadju li waslu fihom il-proceduri huwa li l-istandards ta' gustizzja li huma vitali ghall-esistenza ta' rule of law dejjem gew milhuqa. Illi jidher evidenti li l-partijiet kollha fil-kawza qed jinghataw drittijiet ugwali procedurali u sostantivi. Kull parti inghatat l-opportunita' li tressaq b'mod adegwat il-kaz taghha nkluz provi u sottomissjonijiet minghajr l-ebda zvantagg sostanzjali fil-konfront tal-parti l-ohra u dan sia jekk hija l-parti rikorrenti u sia jekk hija l-parti intimata. Illi l-gudikant sedenti fil-kawza civili qieghed jisma' u fejn hemm bzonn jaghti xi pronunzjament permezz ta' digrieti bl-imparzjalita rikjesta mill-kariga ta' gudikant u dan billi jigarantixxi f'kull stadju d-dritt ta' smigh xieraq ta' kull parti nvoluta fil-kawza;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

8. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Arcidjocesi ta’ Malta li tghid hekk:

1. Illi, ir-rikorrenti jibbazaw il-lanzjanzi taghhom fuq l-allegazzjoni li qed jigi vjolat l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ghaliex skont huma, fil-kawza "Lawrence Grech et vs Carmelo Pulis et" (Rikors Guramentat numru 489/2013JRM), hemm il-biza li il-gudikant sedenti mhux ser ikun imparzjali, ghax ser ikun influwenzat mill-inklinazzjoni li ghandu lejn il-konvenuta Kurja Arciveskovili, u skont l-istess rikorrenti, din l-inklinazzjoni allegata ser tinfluwixxi l-imparzjalita tal-istess Onorevoli Imhallef sedenti.

2. Illi, bir-rispett kollu dovut, il-premessa tar-rikorrenti, hija mill-bidu nett fallaci u dan ghaliex, fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, ma jistghux, ir-rikorrenti, jallegaw nuqqas ta' imparzjalita oggettiva, sempliciment ghaliex l-Imhallef sedenti jhaddan xi religjon anke jekk, dato ma non koncesso, bhala fatt dan huwa minnu. Bir-ragunament tar-rikorrenti, l-Arcidjocesi ta' Malta, qatt ma tista' tkun, la attur u l-anqas konvenuta fl-ebda kawza, ghaliex il-gudikant sedenti, jew ser ikun ta' religjon Kattolika jew mhux ta' religjon Kattolika. Fiz-zewg cirkostanzi, skont it-tezi tal-istess rikorrenti, l-Arcidjocesi ta' Malta, u ad dirittura kull enti li thaddan xi forma ta' religjon, ma tistax tkun parti f’xi kawza u l-ebda Imhallef ma jista' jisma’ kawza fejn wahda mill-partijiet manifestament thaddan xi religion, ghaliex l-Imhallef sedenti jew ser ikollu simpatija ma' dik ir-Religjon, ghaliex ikun ihaddan dik l-istess religjon, jew inversament ikollu, addirittura anke pregudizzju kontra dik ir-religjon, ghaliex ma jkunx ihaddan tali religjon.

B'dan ir-ragunament, l-ebda Imhallef ma jista jiddeciedi f’kawzi, fejn xi enti politika tkun parti, ghaliex l-Imhallef jew ikun ihaddan simpatija lejn dak il-partit

politiku illi jkun qieghed parti fil-kawza jew ma jkunx tal-istess fehma politika u allura, bit-tezi tar-rikorrenti, dan ikun prima facie pregudikat kontra dak il-partit politiku. Bir-rispett kollu, ghalkemm huwa minnu illi l-gurisprudenza trid illi mhux biss ikun hemm imparzjalita soggettiva imma anke dik oggettiva, ir-rekwiziti ta' imparzjalita oggettiva ma jwaslux ghall-konkluzzjonijiet illi jipprovaw jippromwovu r-rikorrenti.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-prezunzjoni legali hija dejjem favur l-imparzjalita u kien jispetta lil minn qieghed jallega l-imparzjalita illi jipprova tali parzjalita u mhux bl-invers. Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti illi tal-inqas iressqu xi forma ta' sostenn ghall-allegazzjoni taghhom, fis-sens illi il-gudikant sedenti, jekk jigi ippruvat illi dan ihaddan ir-religjon Kattolika, allura huwa milqut b'parzjalita oggettiva li timpedieh milli jghaddi gudizzju fil-kawza gja msemmija, (rikors guramentat numru 489/2013JRM). Illi huwa mill-aktar lampanti kif fir-rikors kostituzzjonali estensiv ipprezentat mir-rikorrenti, imkien mar-rikorrenti jsemmu fatt wiehed illi jista' b'xi mod iwassal biex jindika xi forma ta' parzjalita fil-gudikant fil-kawza rikors guramentat numru 489/2013JRM, u ghalhekk, jigi umilment sottomess, illi ma hemm l-ebda bazi legali sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, bir-rispett kollu dovut, ir-rimedju illi qed jitolbu ir-rikorrenti, u cioe, illi din l-Onorabbli Qorti tahtar gudikant iehor "illi ma jkollux konnessjonijiet diretti mal-konvenuti jew uhud minnhom", huwa minnu inniffsu antiguridiku. Dan ghaliex dak illi din l-Onorabbli Qorti qed tigi mistiedna implicitament taghmel huwa illi tirricerka gudikant illi ma ghandhux l-ebda konnessjonijiet mar-religjon Kattolika. Illi, bir-rispett kollu, anke kieku tali ezercizzju kien legalment permissibbli u seta' jigi individwat tali gudikant, l-ghazla proprju ta' gudikant illi ma jhaddanx ir-religjon Kattolika, skont l-istess bazi (fallaci) ta' allegazzjoni tar-rikorrent, tkun ta' pregudizzju dirett u tohloq parzjalita f’dak il-gudikant illi ma jhaddanx ir-religjon Kattolika, ghaliex ikun qieghed f’posizzjoni avversa ghall-istess konvenuti.

Jigi umilment sottomess, illi r-rikorrenti ma jistghux jippretendu, illi biex jehilsu min inklinazzjoni kontra taghhom, huma bl-istess mita jipprokuraw l-ghazla ta' Imhallef li jkun kontra l-konvenuti. Biex tkun cara, l-esponenti mhux qed tghid illi Imhallef li ma jhaddanx ir-religjon Kattolika, ikun wiehed oggettivament parzjali; dak li qed tghid l-esponenti hi illi l-bazi kollha tal-argumentazzjoni tar-rikorrenti hija wahda fondamentalment fallaci, u dan ghaliex il-parzjalita oggettiva ma tiddependix mill-konvinzjonijiet religjuzi tal-gudikant sedenti. L-illogicita tal-argument tar-rikorrenti tohrog manifesta mill-fatt illi kieku bl-istess argumentazzjoni tar-rikorrenti, l-anqas din l-Onorabbli Qorti kif preseduta, ma tista' tiddetermina il-materja kostituzzjonali quddiemha, ghaliex hija tkun tista' thaddan xi religjon, illi jew tkun favur jew kontra xi wahda mill-partijiet f’din il-kawza. Dawn, bir-rispett kollu, jigi umilment sottomess, huma il-konsegwenzi assurdi tal-argumentazzjoni tar-rikorrenti f’din il-kawza.

5. Illi, finalment, irid wiehed izomm f’mohhu wkoll, illi l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' imparzjalita ma ghandhiex tintuza sabiex isir xi ezercizzju ta' xi forma ta' forum shopping; bl-attitudni illi hadu r-rikorrenti f’din il-kawza, dawn jistghu jibqghu jirrikuzaw Imhallef wara iehor, a bazi ta' religjon tieghu, sakemm isibu Imhallef illi huma jidhrilhom illi jista' jkollu simpatija ma’ dak illi qeghdin

isosstnu. Jigi umilment sottomess, illi c-cittadin, mill-Qrati ma ghandux jistenna illi jsib gudikant li jkun lest li bilfors jtieh ragun, imma gudikant illi lest illi jiddeciedi l-kawza skont il-ligi b'imparzjalita u indipendenza fl-ambitu ta' smigh xieraq.

Ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment tissottometti, illi ir-rikors kostituzzjonali intavolat mir-rikorrenti ghandu jigi rigettat bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat li s-socjeta Missjunarja ta' San Pawl assocjat ruhha mar-risposta tal-Arcidjocesi ta' Malta;

Rat li l-intimati Carmelo Pulis u Godwin Scerri ma pprezentaw ebda risposta;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-kwistjoni hi wahda semplici bhala allegazzjoni. Ir rikorrenti qed jallegaw illi hemm il-biza li l-gudikant fil-kawza 489/2013 li ghandha bhala mertu talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabilta u kundanna ghad-danni li ghandhom fil-konfront tal-intimati mhux ser ikun imparzjali waqt il-kawza u fid-decizjoni. Ir-raguni hi li l-istess gudikant hu president tal-Fondazzjoni ta' Radju Marija u membru attiv fiha u ghalhekk ser ikun influenzat mill-inklinazzjoni li ghandu lejn l-intimata Kurja Arciveskovili.

Dan ser iwassal ghal ksur a bazi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem cioe guduzzju minn Tribunal imparzjali u b'hekk hemm lok ta' rikuza tal-istess gudikant.

Il-partijiet l-ohra opponew din it-talba.

**Bazi legali**

Il-kwistjoni ta' rikuza ta' gudikant hi regolata mill-artikolu 734 tal-Kap. 12 li pero jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li ebda wahda mir-ragunijiet ta' rikuza ma

jistghu jitnisslu mill-istess artikolu bhala applikabbli ghal kaz in kwistjoni ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti jirrelevaw li fil-kawza kostituzzjonali **Sandro Chetcuti vs Avukat Generali et** (12/07/2005) qalet hekk: .

> Anke jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghall rikuza - anzi jista jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vs Kummissarju tal-Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor.Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor.Prim Ministru noe et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96).

Kwindi anke jekk jista' ma jkunx hemm lok ta' rekuza a bazi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jfissirx b'daqshekk illi l-kwistjoni tinghalaq hawn ghax l-imparzjalita ta' gudikant hi wahda mis-salvagwardji tad-dritt ta' smigh xieraq u kwindi jekk il-ligi generali ma tipprovdix rimedju fejn misthoqq, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319 jistghu jigu invokati biex jekk hu misthoqq jinghata r-rimedju opportun.

Jidher illi din hi t-triq li r-rikorrenti ghazlu li jghaddu minnha ghal rimedju ghall-allegazzjoni minnhom formulata fil-konfront tal-gudikant li qed jisma' l-kawza civili 489/2013. Din it-triq hi wahda ammissibbli fil-gurisprudenza Ewropea u anki dik Maltija u f'dan il-kaz aktar u aktar meta l-gudikant sotto skrutinju gia esprima ruhu fuq il-pozizzjoni legali emanenti mill-ligi procedurali Maltija.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ta' Grand Chamber fl-ismijiet **Morice v. France** deciza fit-23 ta' April 2015 u fiha tenkapsula principji ta' dritt ta' sentenzi ricensuri fosthom **Rudichenko v. Ukraine** deciza fil-11 ta' Ottubru 2013; **Micallef v. Malta** deciza fil-15 ta' Ottubru 2009 u **Padovani v. Italy** deciza fis-26 ta' Frar 1993, oltre dawk imsemmijin fl-istess sentenzi.

Is-sentenza Morice tghid hekk fuq il-principju tal-imparzjalita tal-gudikant:

> The Court reiterates that impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. According to the Court's settled case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined

according to a subjective test where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge, that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and also according to an objective test, that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality (see, for example, Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, § 118, ECHR 2005-XIII, and Micallef v. Malta [GC], no. 17056/06, § 93, ECHR 2009).

As to the subjective test, the principle that a tribunal must be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see Kyprianou, cited above, § 119, and Micallef, cited above, § 94). The personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see Hauschildt v. Denmark, 24 May 1989, § 47, Series A no. 154). As regards the type of proof required, the Court has, for example, sought to ascertain whether a judge has displayed hostility or ill will for personal reasons (see De Cubber v. Belgium, 26 October 1984, § 25, Series A no. 86).

In the vast majority of cases raising impartiality issues the Court has focused on the objective test (see Micallef, cited above, § 95). However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge's subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see Pullar v. the United Kingdom, 10 June 1996, § 32, Reports of Judgments and Decisions 1996-III).

As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his or her impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Micallef, cited above, § 96).

The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other protagonists in the proceedings (ibid., § 97). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).

In this connection even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen

> to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII, and Micallef, cited above, § 98).

Ir-rikorrenti fit-talba taghhom jaghtu x'wiehed jifhem li huma qed jallegaw primarjament illi l-gudikant mhux imparzjali <u>b'mod oggettiv</u> ghaliex hu kien u ghadu president tal-fondazzjoni li tmexxi Radju Marija, li ghandu l-ghan ewlieni l-evangelizazzjoni tal-messagg ta' Marija Santissima fl-isfond tat-taghlim tal-knisja kattolika, jevangelizza fuq il-linji pastorali tal-Papa Frangisku fejn id-dmir tat-taghlim nisrani hu afdat f'idejn l-isqfijiet bhala kullegg jew individwalment kif marbuta mal-Papa, u jxandar ahbarijiet esklussivament ta' natura religjuza tal-knisja kattolika. Ir-rikorrenti isostnu li r-rabta li ghandu l-gudikant ma' tali fondazzjoni ser tinklinah lejn l-intimatia Kurja Arciveskovili. Dan peress illi anke l-apparenzi jistghu jwasslu ghal nuqqas ta' imparzjalita meta r-rikorrenti huma vittmi ta' abbuzi sesswali minn religjuzi meta kienu residenti f'dar tal-knisja u ghalkemm l-oghla awtoritatjiet ekklesjastici gharfu dawn in-nuqqasijiet, izda fil-kawza civili qed jopponu ghal kwalsiasi htija civili da parti taghhom bil-preskrizzjoni invokata minnhom. Il-biza tar-rikorrenti hi li l-pozizzjoni tal-Imhallef sedenti u r-rabta percepita mal-intimata Arcidjocesi hi vicina wisq biex tiggarantixxi smigh imparzjali.

Il-Qorti pero tqis illi ghandha tqis dak li ntqal mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom rigward in-nuqqas ta' imparzjalita soggettiva allegata minnhom da parti tal-Imhallef Micallef fil-kawza civili. Huma jsostnu li meta l-Imhallef gie rinfaccjat b'talba biex issir eccezzjoni ulterjuri biex titqajjem il-kwistjoni tar-rikuza stante li tali eccezzjoni ma saritx in limine litis, l-istess Imhallef flok sema' l-partijiet qabel ippermetta jew cahad it-talba skond il-ligi procedurali, ghal premess biex issir l-eccezzjoni, hu ddecieda l-mertu tal-eccezzjoni mill-ewwel.

Din il-Qorti ma tqis li tali agir ghalkemm proceduralment mankanti b'xi mod il-gudikant wera xi pregudizzju soggettiv da parti tieghu. Il-gudikant b'mod semplici hafna, seta' cahad it-talba ghal prezentata ta' eccezzjoni ulterjuri ta'

din in-natura ghax ma saritx in limite litis u dan billi l-proceduri quddiem l-istess gudikant kienu gia pprocedew bis-smigh tal-provi dwar eccezzjoni preliminari. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax jekk tali agir kienx allura ikun jikkostitiwixxi bias soggettiv f'ghajnejn ir-rikorrenti. Minflok, il-gudikant esprima ruhu fuq il-mertu tal-kwistjoni mqajma li kienet dik ta' rikuza tieghu a bazi tal-artikolu rilevanti tal-procedura civili. Il-Qorti mhix qed ticcensura lir-rikorrenti li hassew li d-decizjoni ta' nuqqas ta' rekuza kienet tmur kontra d-drittijiet sanciti bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Pero d-decizjoni wahedha ma tipprovax illi l-gudikant kien soggettivament pregudikat u wera nuqqas ta' imparzjalita. L-argument tar-rikorrenti mqieghed b'dan il-mod, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jreggix ghaliex ommissjoni procedurali ma tistax tekwivali ghal nuqqas ta' imparzjalita soggettiva.

**Applikazzjoni tal-ligi ghal fatti**

Bhala fatt irrizulta illi l-imhallef sedenti fil-kawza civili 489/2013 cioe l-Imhallef Micallef hu president ta' Radju Marija. Mix-xhud prodott mir-rikorrenti Fr. Charles Fenech u l-istatut tal-istess Radju Marija jirrizulta illi Radju Marija beda madwar ghoxrin sena ilu bhala radju tal-komunita qabel kisbet licenzja nazzjonali. Hu beda l-local branch ghax bhala radju twaqqaf l-Italja u hu mifrux mad-dinja jxandar il-kelma tal-knisja kattolika. La jxandar reklami jew jidhol fil-politika izda hu radju purament ta' natura religjuza u kulturali. Radju Marija mhux radju tal-knisja kattolika izda hu wiehed immexxi mill-lajci bla ebda hlas jew remunerazzjoni. Hu maqsum f'diversi sezzjonijiet fejn hemm l-Assemblea Generali komposta mill-membri kollha u fejn jigi elett il-Bord tad-Diretturi mill-membri taghha. L-Assemblea ghandha l-poteri li tistabilixxi l-policies tar-radju fost poteri ohrajn. Il-Bord hu kompost minn hames membri u d-direttur tal-programmazzjoni. Il-Bord jaghzel il-president. Id-decizjonijiet jittiehdu fuq bazi ta' maggoranza semplici. Il-Bord jimplimenta d-decizjonijiet tal-Assemblea, l-impjieg u tkeccija ta' impjegati u l-approvazzjoni jew ic-cahda tal-iskeda tal-programmi li ghaliha hu responsabbli d-diretur tal-programmi li hu l-uniku persuna li ma jistax ikun lajk. Ir-responsabilta tal-president hija primarjament il-koordinament tad-diversi branki tar-Radju Marija u jsejjah il-laqghat fejn u meta bzonn. Hemm ukoll kumitat ezekuttiv kompost mill-president, il-programme

director u l-istation director li ghandu funzjoni amministrattiva. Id-decizjonijiet jittiehdu b'maggoranza ta' voti. Bosta mill-hatriet huma ghal perjodu ta' tlett snin estendibbli ghal darba biss. Ir-radju fizikament jitrasmetti mill-kunvent Dumnikan tar-Rabat li selfuhom il-lok bla hlas. Skond Fr. Fenech is-sehem tieghu fil-prattika bhala direttur fl-ambitu tal-amministrazzjoni hi limitata biss biex l-amministrazzjoni tkun taf xi programmi ser jittellghu pero ma tistax timponi hi x'tip ta' programmi jittellghu. L-unika oggezzjoni tal-amministrazzjoni tista' tkun biss dik logistika jew dwar fondi disponibbli. In kwantu ghal dixxiplina l-programme director jista jigi mkecci fuq talba maghmula bil-miktub u f'kaz ta' nuqqas ta' decizjoni, irid jittiehed vot sigriet f'laqgha tal-Assemblea Generali u t-tkeccija ssir meta aktar minn sittin fil-mija jivvotaw favur tkeccija. Procedura simili tinsab a propozitu ta' talba ghal rizenja tal-president hlief li decizjoni li tafferma rizenja trid l-approvazzjoni ta' hamsa u sebghin fil-mija tal-Assemblea Generali. Fr. Fenech xehed illi l-konsegwenza ghal min jisgarra fit-taghlim tal-knisja waqt il-programmazzjoni hi prerogattiva biss tad-direttur tal-programmi pero per prudenza kien jinfurma lill-amministrazzjoni qabel jittiehdu passi. Jekk lilu bhala diretur ma kienx jogghbu dak li qed jigi prodott kien iwaqqfu mill-programmazzjoni. Jekk ikun hemm xi problema fuq it-taghlim moghti mir-radju, bhala sacerdot hu jirrispondi ghal dan lil Arcisqof. Fr. Fenech jghid li l-fondi ta' Radju Marija jigu mill-ghotjiet tan-nies u l-knisja ma toffri ebda sussidju. Bla donazzjonijiet ir-radju jaghlaq. Radju Marija hu organizazzjoni volontarja cioe non profit making u l-membri kollha ma jithallsux. Is-surplus, jekk ikun hemm, jiggemma' ghal progetti ohra bhal sejbien ta' fond mnejn joperaw flok il-kunvent tad-Dumnikani. Radju Marija la ghandu x'jaqsam mal-knisja u anqas mal-MSSP la f'xi forma ta' kontroll jew ghoti ta' flus.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-principju li fuqu qed isostnu r-rikorrenti bhala bazi ghall-applikazzjoni ta' dak li jridu l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea hu illi s-smigh xieraq protett minn dawn l-artikoli jista' jigi mimsus negattivament fil-konfront tar-rikorrenti jekk il-gudikant li qed jisma l-kawza ikompli bis-smigh hu. Dan ghaliex iqisu l-pozizzjoni tieghu f'Radju Marija vicina wisq ghall-

intimata Kurja Arciveskovili bex tipprovdi serhan tal-mohh ghal min qed jigi gudikat. Il-gustizzja mhux biss trid issir izda trid tidher li qed issir.

Din il-Qorti tqis illi hu minnu li l-gustizzja trid tidher li qed issir. Jibda biex jinghad illi l-ghazla tal-gudikant ghal kawza ma ssirx mill-gudikant innifsu izda minn mekkanizmu appozitu li jithaddem mir-Registratur tal-Qrati, bla ebda interferenza jew participazzjoni jew addirittura l-konoxxenza a priori tal-istess gudikant li lilu ser tmiss il-kawza. Il-gudikant hu ghal kollox estraneju ghal mekkanizmu li bih kawza tigi assenjata lilu bl-eccezzjoni ta' kawzi specjalizzati fejn din partikolari ma taqax f'tali kategorija. Id-dicitura 'gustizzja trid tidher li qed issir' ma ghandhiex tifsira soggetiva bhal per ezempju parti mhix kuntenta bl-ghazla tal-gudikant. Lanqas ma tfisser li 'the ordinary man in the street' mhux ben infurmat fuq il-fatti specifici u t-tema legali involuta b'percezzjoni limitata ghalhekk tal-assiem fattwali u legali ta' dak li qed jigi deciz jista jew ghandu b'xi mod jinfluwenza l-interpretazzjoni tal-istess dicitura. Id-dicitura 'gustizzja trid tidher li qed issir' ghandha tkun miftehma u espressa fil-konkret taghha u applikata mill-kullegg tal-gudikanti skond il-fattispecie u n-natura ta' kull kawza. Wara kollox hu principju regolatur illi l-gudikant hu prezunt imparzjali ghax l-imparzjalita hi parti intima mill-gurament tal-hatra tieghu u li ghandu jzomm quddiem ghajnejh u jattwa f'kull kawza u kull cirkostanza sakemm hu msejjah jippresjedi u jiggudika disputa. Din hi garanzija li l-gudikant hu marbut li jaghti biex isostni l-applikazzjoni tal-gustizzja skond il-ligi, l-ugwaljanzza ghal kull min jidher quddiemu, u fil-prattika jsahhah id-demokrazzija, fonti tal-liberta tal-bniedem f'socjeta civili (ara artikolu 10 tal-Kap. 12) anki jekk ihossu skomdu ghal kwalsiasi raguni tkun xi tkun bil-vertenza quddiemu ghax dak hu l-prezz tal-gurament li jkun ha quddiem l-Istat u quddiem Alla.

Il-kwistjoni attrici hi jekk din il-garanzija fil-kawza civili li tat lok ghal din il-vertenza hiex minsusa b'tali mod li hemm dubju serju oggettiv u konkret u mhux biss percezzjoni astratta jew soggettiva ghar-rikorrenti li l-gustizzja jista' jkun li ma ssirx.

Ir-rikorrenti jibbazaw l-ilment principali taghhom fuq nuqqas ta' imparzjalita oggettiva. Qed jallegaw bazikament illi hemm raguni legittima li iggeghlhom jibzghu li l-gudikant jonqos fih l-element ta' imparzjalita. Jorbtu din il-biza mal-fatt illi bhala president ta' Radju Marija jista' jxaqleb jew jhares b'ghajn aktar beninja lejn l-intimata Arcidjocesi ta' Malta.

Din il-Qorti fliet il-provi u ma tistax issib din il-biza bhala wahda fondata mill-ottika oggettiva. Irrizulta li ma hemm ebda rabta ta' ebda natura bejn il-gudikant involut, Radju Marija u l-intimat Kurja Arciveskovili. Radju Marija hi organizazzjoni volontarja, maghmula minn socji li jaghtu s-sehem taghhom fl-ispirtu tal-volontarjat. Il-finanzi ta' Radju Marija jigu biss minn donazzjonijiet tal-fidili. L-Arcidjocesi ta' Malta ma tipprovdi ebda ghajnuna finanzjarja jew mod iehor. Il-gudikant innifsu bhala president jaghti sehmu biss fl-amministrazzjoni tar-radju bla ebda jedd jew poter fuq dak li jixxandar u minn min jixxandar. Dak hu fdat f'idejn sacerdot li hu l-uniku socju jekk trid issejjahlu hekk li jappartjeni lis-sacerdozju. Radju Marija hu fil-fatt assocjazzjoni lajkali.

L-uniku punt ta' vergenza li hemm bejn ir-radju u l-Arcidjocesi hu biss ir-religjon Kattolika. Ir-radju hu kommess li jxandar u jxerred il-kelma ta' Alla b'enfasi specjali fuq il-Madonna kif espressa fir-religjon Kattolika u l-intimita Arcidjocesi ta' Malta thaddan l-istess religjon Kattolika, liema religjon hi wkoll ir-religjon rikonoxxuta ta' Malta fil-Kostituzzjoni ta' Malta artikolu 2.

Din il-Qorti ma tqis illi l-gudikant fil-kawza civili mertu ta' dawn il-proceduri hu oggettivament 'biased' ghax prezumibilment jipprattika l-istess religjon ghalkemm ebda prova ut sic ma saret dwar liema religjon jipprattika l-gudikant in kwistjoni. Pero din il-Qorti qed tifhem li kieku l-gudikant hu ta' fidi differenti jew indifferent fuq fidi skont il-kaz, ma kienx ser jivvolontarja hinu ghal amministrazzjoni ta' Radju li jxandar ir-religjon Kattolika.

Il-Qorti tistaqsi ghalfejn oggettivament il-gudikant ser jiffavorixxi l-Arcidjocesi meta l-kwistjoni mhix dwar liema religjon jipprattika, jew jekk il-vertenza timpingix fuq ir-religjon jew it-twemmin Kattoliku. Il-kwistjoni hi wahda purament ta' dikjarazzjoni ta' responsabilta u kundanna ghal danni min individwi li fiz-

zmien kienu sacerdoti u instabu hatja kriminalment in konnesjoni ma offiza ta' abbuzi sesswali. Din zgur ma timpingi bl-ebda mod fuq it-twemmin. Il-kwistjoni anzi tirraforza t-twemmin Kattoliku li gustizzja trid issir ma' min haqqu u jisthoqqlu skond il-ligi civili tal-pajjiz u dan isir kontra min fil-ligi civili ghandu jinzamm responsabbli, jekk tezisti tali responsabilta, irrispettivament mill-persuna jew il-knisja jew it-twemmin. Il-kwistjoni hi wahda ta' indoli civili mhux ekklezjali jew ta' twemmin fejn jidhlu ghalhekk kwistjonijiet ta' principji ta' fidi u fejn allura wiehed jista' jifhem il-konflitt apparenti jew percepit. Ebda xkiel ma jista' jigi ravvizat bejn it-twemmin tal-gudikant fil-kawza civili u l-intimat Kurja Arciveskovili jew l-MSSP li bhala enti qed tidher fil-proceduri quddiem il-Qorti bhala parti civili li tista' tinzamm responsabbli jekk l-elementi necessarji ta' responsabilta civili jissusisti fil-konfront taghha u dan fl-isfond tal-ligijiet civili tal-pajjiz intizi ghal protezzjoni ta' kull min jitlob li ssir gustizzja mieghu skond il-ligi.

Il-Qorti taghmel distinzjoni netta bejn it-twemmin ta' persuna u l-enti amministrattiva taghha kif inhi l-Arcisjocesi li f'dan il-kaz mhux qed tigi invokata in gudizzju fuq it-twemmin taghha izda bhala l-enti ufficjali li tista' tkun responsabbli f'kwistjonijiet ta' natura civili bhal ma hi din.

Li kieku din il-Qorti kellha b'eccess ta' kawtela, fil-fehma taghha, ingustifikata, taccetta t-tezi tar-rikorrenti, dan ifisser li gudikant li ghandu kwalsiasi fehma, kemm politika, kemm religjuza, kemm sportiva jew kulturali u li quddiemu jersqu in gudizzju persuni jew entitajiet ta' fehma dikjaratament differenti, allura ser nispiccaw bir-riskju li ma ssibx gudikanti li lesti jiddeciedu, jew aghar li jsir abbuz mill-partijiet mis-sistema gudizzjarja jew li addiritura l-ghazla ta' gudikant b'fehma li tissimpatizza ma' wahda mill-partijiet fit-twemmin jew fil-politika jew affarijiet ohra, ser jispicca bilfors jiddeciedi favur dik il-parti.

Ir-rikorrenti jissottomettu li hemm vicinanza bejn il-partijiet cioe l-gudikant bhala president ta' Radju Maria u l-Kurja Arciveskovili in kwantu t-tnejn jitmexxew fuq l-istess linji ta' twemmien u d-diretturi tal-programmazzjoni jridu jkunu membri tal-kleru. Iqisu illi din il-vertenza titfa' dubju fuq l-oggettivita tal-gudikant billi l-abbuzi sesswali li taw lok ghal din il-kawza tad-danni mir-rikorrenti saret minn ex membri tal-kleru. Il-Qorti tqis illi a 'fair minded and informed observer' kif ir-

rikorrenti jiddeskrivu persuna oggettiva fid-determinazzjoni tal-kwistjoni quddiem din il-Qorti ma ghandux ihoss li l-gudikant ser jonqos mid-doveri tieghu ghax ex membru tal-kleru u l-amministrazzjoni tal-knisja kattolika f'Malta huma intimati. Anzi l-istess knisja kattolika fit-taghlim tal-Papa u l-Arcisqof ta' Malta stess jsostnu u qed juru bil-fatti illi kull abbuz li jsir min membru tal-kleru ghandu jigi denunzjat, mikxuf u l-istat jiehu l-passi li ghandu jiehu kif del resto ghandhom dritt jiehdu kull passi legali civili konsegwenzjali dawk li batew il-konsegwenzi diretti tal-abbuz b'kull mezz li taghti l-ligi. It-taghlim tal-knisja ghandu jkun ghalhekk garanzija ta' dak li r-rikorrenti qed jitolbu quddiem il-Qorti Civili kif preseduta mill-Imhallef Micallef.

Il-Qorti tenfazizza li ghalkemm il-gudikant ghandu bhal kull persuna ohra l-opinjonijiet personali tieghu fuq kull aspett tal-hajja civili u morali u ghandu l-umanita fragili tieghu bhal kull bniedem iehor pero hu wkoll imsejjah ghal servizz li jaghmel gustizzja skont il-ligi, u ghalhekk irid b'responsabilita akbar u b'obbligu solenni li ghalih ikkommetta ruhu b'gurament, ipoggi fil-genb kull opinjoni jew fehma personali biex b'kuragg, b'sahha u b'kuxjenza safja jqis li ssir gustizzja safejn tippermettilu l-ligi.

Ma hemm xejn fl-atti li juri li l-gudikant imsejjah jiddeciedi l-kawza civili ser jonqos minn dan in-dover jew hemm xi biza fondat u serju li mhux ser biex jaqdi dan l-obbligu li hu msejjah jadempixxi b'serjeta, onesta u b'rispett ghal ligijiet u Kostituzzjoni ta' Malta.

Ir-rikorrenti gabu prova illi meta d-direttur ta' Radju Marija Fr Fenech li jiehu hsieb il-programmazzjoni tal-istess radju kien qed jigi investigat minn response team tal-Kurja fuq allegazzjonijet ta' natura kriminali, Radju Marja qua membri li huma parti minnha, jew l-amministrazzjoni, ma hadet ebda passi kontrih u hallietu f'dan l-inkarigu. Hu rrizenja biss f'Ottubru 2014 meta gie akkuzat quddiem il-Qorti u il-Provincjal tal-Komunita Dumnikana, li lilha jappartjeni, ordnalu jieqaf mill-Ministeru Pubbliku u jirrizenja mill-kariga ta' direttur. Ir-rikorrenti jsostnu li dan in-nuqqas ta' azzjoni da parti ta' Radju Marija senjatament l-president taghha li hu l-mertu ta' din l-azzjoni wera favoritizmu lejh.

Jirrizulta mil-atti u cioe l-istatut ta' Radju Marija (fol. 157 et seq. tal-process) illi d-direttur jista' jigi mkecci fuq talba ta' membru u wara laqgha straordinarja fejn it-talba tigi appoggjata minn sittin fil-mija tal-membri prezenti (art. 18.2).

Ghalkemm hu minnu illi l-presdient jikkonvjeni l-laqgha u jippresediha hu ma ghandu ebda sahha, li wahdu, jkecci d-direttur. L-implikazzjoni tar-rikorrenti li n-nuqqas ta' azzjoni ta' Radju Marija, u senjatament tal-president, biex iressaq mozzjoni ghat-tkeccija meta l-istess direttur kien qed jigi investigat mill-Kurja juri rabta jew favoritizmu. Din il-Qorti ma tqis li dan l-argument ireggi ghaliex fl-ewwel lok il-kawza mhix kontra Fr. Fenech u lanqas hu parti. Fit-tieni lok il-patrijiet Duminkani ma jmexxux lil Kurja u ghalhekk ma hemm ebda konnessjoni bejn il-Kurja, parti f'din il-kawza u l-patrijiet Duminikani jew addirittura Fr. Fenech. Anki kieku stess, dato non concesso, u limitatament bhala argument, kellu jinghad li l-president ta' Radju Marija kellu simpatija ma Fr. Fenech jew hassu skomdu jitlob ghar-rizenja tieghu skond il-procedura tal-istatut, dan bl-ebda mod ma jnissel xi konnessjoni bejn Fr. Fenech u l-Kurja Arciveskovili u di piu r-rikorrenti f'din il-procedura u atturi fil-kawza civili quddiem l-Imhallef Micallef. Ma saret ebda prova ta' kwalsiasi natura li turi bias favur il-Kurja ossija l-Arcidjocesi ta' Malta mill-Imhallef Micallef semplicement ghax f'cirkostanzi differenti fuq kwistjoni differenti, hu jew haddiehor membru ta' Radju Marija ma hadu ebda passi ai termini tal-artikolu 18.2 tal-istatut. Wara kollox, kif inghad, Radju Marija mhix bl-ebda mod assocjata mal-Kurja u l-investigazzjoni interna tal-Kurja ma' Fr. Micallef hi res inter alios acta ghal Radju Marija. In oltre hemm il-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza li hi fondamentali u hi parti mid-drittijiet tal-bniedem u malli kien hemm hjiel pubbliku dwar l-akkuzi kriminali li ngibu kontra Fr. Micallef, l-istess Fr. Micallef irrizenja mill-kariga tieghu ta' direttur ta' Radju Marija.

Ir-rikorrenti wkoll jissottomettu illi l-Kodici ta' Etika tal-Gudikatura fiha regoli u linji gwida kontra l-partecipazzjoni ta' gudikanti f'assocjazzjonijiet li jistghu jkunu f'konflitt mal-indipendenza u imparzjalita taghhom. Il-Qorti tqis li kwistjonijiet dwar l-etika huma l-prerogattiva tal-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u ma ngiebet ebda prova li l-gudikant in

kwistjoni instab hati jew gie mixli li kiser il-Kodici tal-Etika bil-fatt li hu president ta' Radju Marija.

In oltre r-regoli 12 u 23 imsemmija specfikament mir-rikorrenti kienu regoli generali u kif gia qalet din il-Qorti, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ma jidhirx sa dan il-mument tal-proceduri li hemm xi biza' ta' nuqqas ta' imparzjalita.

Fl-ahharnett din il-Qorti ma tqis illi r-rikorrenti ghandhom xi bieb maghluq li ghalih ma ghandhom ebda cavetta. Jekk f'xi waqt fil-kawza li tissokta tkompli jirrizulta xi pregudizzju naxxenti minn nuqqas ta' imparzjalita allura d-dritt ta' rikors lejn il-Qrati ghal rimedju hu dejjem disponibbli bis-salvagwardja anki ghal rimedju ulterjuri mill-Qorti tal-Appell. Kif jiktbu l-awturi **Jacobs, White and Over** fil-Ktieb 'The European Convention on Human Rights' (p. 269 Ed. 2010) 'even where the first instance tribunal is not sufficiently independent, the availability of judicial review by an article 6 compliant Court will remedy the earlier defect' (ara **Bryant vs U.K.**, 22/11/1995).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma tqis li hemm pregudizjali soggettiva jew oggettiva li tiggustifika t-talba tar-rikorrenti.

**Decide**

Ghall-motivi fuq indikati l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur